MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 684/2008

**Group 4 Securitas Malta Ltd C-9860**

**Vs**

**Frank Ciarlo u Tom Bar Ltd C-123**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Settembru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro494.76c rapprezentanti bilanc li ghadu dovut in konnessjoni ma servizzi ta' sigurta rezi fil-forma ta' Alarm Monitoring Services provduti lill-konvenut fil-fond Tom Bar 1 Crucifix Hill Floriana ghal perjodu bejn Lulju tas-sena 2004 u Gunju tas-sena 2005.

Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament tagghom

u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-3 ta Lulju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti w l-fatt li l-konvenut kien inghata diversi opportunitajiet sabiex jikkontesta t-talba attrici skond il-ligi;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihalls lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro494.76c (erba' mija u erba' u disghin ewro u sitta u sebghin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------